li hu kien għadu jitħabat biex jilħaq dan: *"M'iniex ngħid li jiena dan ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma nross 'il quddiem biex dan naħtfu, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili"*; fi kliem ieħor, il-mira li għaliha trid twassal il-fidi hi l-imħabba ta' Alla. Għalhekk l-imħabba hi l-aqwa fost il-virtujiet teologali: *"Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom hi l-imħabba"* (1 Kor 13:13).

L-imħabba hi l-ikbar fosthom għax sew il-fidi u sew it-tama jispiċċaw mal-mewt, waqt li l-imħabba tibqa' għal dejjem. Għax l-imħabba tirbaħ il-mewt, tant li quddiem il-persekuzzjoni u t-theddida tal-mewt, San Pawl wasal jgħid li *"f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna"* (Rum 8:37). Tabilħaqq, *"l-imħabba hi l-qofol tal-perfezzjoni"* (Kol 3:14) għax *"ma tintemm qatt"* (1 Kor 13:8).Għalhekk San Pawl jawgura lill-Efesin u lilna u jħeġġiġna: *"Kristu jgħammar fi qlubkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba li fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, u l-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla"* (Efes 3:17-19).

L-imħabba tagħna għal Alla tilħaq il-milja tagħha fil-ġenna, fejn, bħal qatra ċkejkna, nidħlu fl-oċean infinit ta' l-imħabba ta' Alla. Hemm l-hena tagħna wkoll ma jkollhiex limiti, għax *"dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet u dak li qatt ma daħal f'qalb il-bniedem, dak lesta Alla għal dawk li jħobbuh"* (1 Kor 2:9).



Societas Doctrinæ Christianæ – M.U.S.E.U.M.
Kummissjoni Appostolat għall-Adulti

Website: www.sdcmuseum.org
Email: kummissjoni.adulti@sdcmuseum.org

Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270



# L-imħabba ta' Alla fi Kristu Ġesù



“Min jifridna mill-imħabba ta’ Kristu?” (Rum 8:35)

San Pawl hu miraklu tal-grazzja ta’ Alla, li minn għadu aħrax tal-Knisja ta’ Kristu, bidlitu fl-ikbar appostlu tiegħu. Dan stqarru Pawlu nnifsu: *“Jien l-inqas fost l-appostli, u ma jistħoqqlix nissejjaħ appostlu, għax ħqart għall-mewt il-Knisja ta’ Alla. Imma bil-grazzja ta’ Alla jien dak li jien u l-grazzja tiegħu fija ma sfatx fix-xejn, għax jien tħabatt ħafna iktar minnhom ilkoll; għad li mhux jien, iżda l-grazzja ta’ Alla li hi miegħi”* (1 Kor 15:9-10).

X’kien li ġab din il-bidla radikali fl-attitudni ta’ Pawlu lejn Kristu? Jgħidilna hu stess: *“L-imħabba ta’ Kristu ssuqna ’l quddiem”* (2 Kor 5:14). L-imħabba hi l-mutur li jmexxina ’l quddiem. Jgħid San Ġorġ Preca: *“Kemm ħabbewk il-qaddisin tiegħek! Kemm batew biex jogħġbuk f’kollox! Merew ’il qalbhom u sostnew dwejjaq, u dan kollu bil-grazzja tiegħek. ...”* U San Pawl kien iħobbu ’l Ġesù! Tant li wasal biex jgħid: *“Min jifridna mill-imħabba ta’ Kristu? “Taħbit, dwejjaq, persekuzzjoni, ġuħ, għera, tiġrib, xabla? Bħalma hu miktub: ‘Minħabba fik il-jum kollu jikkundannawna għall-mewt; jgħodduna bħal nagħaġ għall-qatla’”* (Rum 8:35-36). Jekk qabel kien persekutur tal-Knisja, dan kien għax kien għadu ma għarafx lil Kristu. Iżda malli għarfu, inħataf minn imħabbtu: imħabba li bidlitu bħal-lejl min-nhar. U b’nota ta’ intimità personali, San Pawl jgħid: *“L-Iben ta’ Alla ħabbni u ta lilu nnifsu għalija”* (Gal 2:20).

Għax tassew, fl-imħabba l-inizjattiva tiġi dejjem minn Alla; hekk li Pawlu nnifsu jgħid: *“Alla wera mħabbtu għalina meta Kristu miet għalina, aħna li konna għadna midinbin”* (Rum 5:8). Tabilħaqq, fi Kristu, *“ix-xbieha ta’ Alla li ma jidhirx”* (Kol 1:15), l-imħabba ta’ Alla libset wiċċ uman: *“Xejn ma jista’ jifridna mill-imħabba ta’ Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna”* (Rum 8:39).

L-imħabba ta’ Kristu għall-Knisja tixbah lill-imħabba bejn il-miżżewġin (Efes 5:22). Bħalma kien fit-Testment il-Qadim, fit-Testment il-Ġdid ukoll, l-imħabba ta’ Alla għadha tagħżel bi preferenza. San Pawl kien konvint li l-insara kienu *“l-maħbubin ta’ Alla, il-magħżulin tiegħu”* (Rum 1:7; Kol 3:12). *“Fl-imħabba hu ddestinana minn qabel biex inkunu għalih ulied adottivi permezz ta’ Ġesù Kristu”* (Efes 1:5). L-imħabba tnissel ħajja ġdida: *“Alla, għani fil-ħniena, għall-imħabba kbira li biha ħabbna, meta konna mejtin minħabba dnubietna, tana ħajja ġdida ma’ Kristu”* (Efes 2:4). *“L-imħabba ta’ Alla ssawbet fi qlubna permezz ta’ l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna”* (Rum. 5:5).

L-imħabba li minnha jitkellem l-Appostlu, m’hijiex l-imħabba tal-bniedem għal Alla, imma l-imħabba ta’ Alla għall-bniedem. B’danakollu Alla, fil-pjan tiegħu, irid li l-bniedem iroddlu lura din l-imħabba b’imħabba korrispondenti. Il-fatt li nħobbu ’l Alla m’huwiex għajr frotta ta’ l-imħabba li biha Alla ġa ħabbna; dan ukoll jgħidu San Pawl: *“Li wieħed iħobb ’l Alla, hu sinjal li hu magħruf minn Alla”* (1 Kor 8:3). U iktar ma nħobbu ’l Alla, iktar niġbdu fuqna l-imħabba tiegħu: *“Issa li għaraftu ’l Alla, iktar u iktar intom magħrufin minn Alla”* (Gal 4:9; ara 1 Kor 13:12; Fil 3:12). Għaliex, ikompli San Pawl: *“Aħna nafu li Alla, ma’ dawk li jħobbuh, ma’ dawk li huma msejħa skond il-pjan tiegħu, f’kollox jaħdem għall-ġid tagħhom”* (Rum 8.28). Dan hu l-awgurju ta’ San Pawl għat-Tessalonkin: *“Imexxi l-Mulej qlubkom lejn l-imħabba ta’ Alla u s-sabar ta’ Kristu”* (2 Tess 3:5).

San Pawl sikwit jitkellem b’mod qawwi fuq il-fidi, iżda qatt ma jeskludi minnha l-imħabba. Il-fidi m’hix biss it-triq, iżda l-mira fejn irridu naslu hi l-imħabba. U l-mira hi dejjem aktar importanti mit-triq; dak li nagħmlu jgħodd, mhux dak li ngħidu li rridu nagħmlu. Il-fidi hi bħal wieħed li jtawwal idu biex jilħaq il-grazzja sakemm jiksibha. San Pawl innifsu jistqarr

# L-imħabba ta’ Alla fi Kristu Ġesù